



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.9.2012
COM(2012) 520 final

2012/0249 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-32 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' Organiżmi Slavagħ u Habitats Naturali Ewropej (Konvenzjoni ta' Berna)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tal-Organiżmi Slavaġ u l-Habitats Naturali (minn issa 'l quddiem: il-Konvenzjoni ta' Berna) ġiet adottata fid-19 ta' Settembru 1979 f'Berna (l-Isvizzera) u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1982. Għandha 50 Parti Kontraenti: 45 Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa, 4 Stati mhux membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea.

L-għanijiet tal-Konvenzjoni huma li "tikkonserva l-flora u l-fawna selvaġġa u l-habitats naturali tagħhom, speċjalment dawk l-ispeċijiet u l-habitats li l-konservazzjoni tagħhom jeħtieġu l-kooperazzjoni ta' diversi Stati, u li tippromwovi tali kooperazzjoni. Tingħata enfasi partikolari lill-ispeċijiet f'periklu u vulnerabbli, inklużi l-ispeċijiet migratorji."

Il-Partijiet Kontraenti kollha tal-Konvenzjoni ta' Berna għandhom jieħdu azzjoni biex:

- jippromwovu strateġiji nazzjonali għall-konservazzjoni tal-flora u l-fawna selvaġġa, u tal-habitats naturali tagħhom;
- iqisu l-konservazzjoni tal-flora u l-fawna selvaġġa fil-politiki ta' ppjanar u żvilupp tagħhom, u fil-miżuri tagħhom kontra t-tniġġis;
- jippromwovu l-edukazzjoni u jxerrdu informazzjoni ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġu kkonservati speċi ta' flora u fawna selvaġġa u l-habitats tagħhom;
- jikkooperaw sabiex tissaħħaħ l-effettività ta' dawn il-miżuri permezz ta' koordinazzjoni tal-isforzi għall-protezzjoni tal-ispeċijiet migratorji u l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-għarfien esperti.

Il-Konvenzjoni ta' Berna ġiet implimentata fil-livell tal-UE kemm permezz tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi¹ (Id-Direttiva dwar l-Ġhasafar), u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa² (id-Direttiva dwar il-Habitats), li jipprovdu qafas komuni għall-konservazzjoni tal-organiżmi slavaġ u l-habitats fi ħdan l-UE u huma l-istrumenti legali ewlenin tal-UE għaż-żamma tal-bijodiversità tal-Istati Membri. Id-direttivi jirrappreżentaw qafas ġuridiku għan-netwerk Natura 2000 tal-UE, li huwa l-ikbar netwerk ta' żoni protetti fid-dinja.

Il-Kumitat Permanenti huwa l-korp governattiv tal-Konvenzjoni ta' Berna. Il-kompitu prinċipali tal-Kumitat huwa li jimmonitorja d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni fid-dawl tal-iżvilupp tal-flora selvaġġa u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħha. Għal dan il-għan, il-Kumitat Permanenti hu partikolarment kompetenti biex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet u biex jeżamina u jadotta emendi għall-appendiċijiet fejn huma speċifikati dawn l-ispeċijiet protetti.

L-Artikolu 22, paragrafu 1 tal-Konvenzjoni ta' Berna jiddikjara li:

1 Kwalunkwe Stat jista' jagħmel riżerva waħda jew aktar, fil-mument tal-firma jew meta jiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tiegħu, rigward ċerti speċijiet speċifikati fl-Appendiċijiet I sa III u/jew, għal ċerti speċijiet imsemmija fir-riżerva jew fir-riżervi, rigward ċerti mezzi jew metodi tal-qatla, il-qabda u sfruttament ieħor elenkati fl-Appendiċi IV. Ma għandha ssir l-ebda riżerva ta' natura ġenerali.

¹ ĠU L 20 of 26.1.2010, p. 7.

² ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

Fid-dawl tat-32 laqgħa tal-Kumitat Permanenti li għandha ssir fi Strasburgu bejn is-27 u t-30 ta' Novembru 2012, l-Isvizzera ressqet proposta għall-emendar tal-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta' Berna li tippermetti lil kull Parti Kontraenti li ddaħħal ċerti riżervi dwar l-impenn inizjalment meħud fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Berna, anki wara li tkun iffirmit il-Konvenzjoni ta' Berna jew iddepożitat l-istrument tagħha ta' ratifikazzjoni, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni.

Il-proposta Svizzera tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' paragrafu 1 *bis* ġdid fl-Artikolu 22 li jkun jinqara kif ġej:

1^{bis} Addizzjonalment għall-paragrafu 1, kwalunkwe Stat jista' jagħmel riżerva waħda jew aktar, jekk iċ-ċirkostanzi jkunu nbidlu radikalment fit-territorju tiegħu mid-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, dwar ċerti speċijiet speċifikati fl-Appendiċijiet I sa III."

L-Isvizzera ma pprovdiet ebda tip ta' analiżi jew dejta xjentifika u l-proposti ma jidhrux li huma bbażati fuq dawn.

Minbarra dan, billi il-firmatarji kollha tal-Konvenzjoni ta' Berna jkunu permessi jagħmlu riżerva waħda jew aktar rigward ċerti speċijiet speċifikati fl-Appendiċijiet I sa III, il-proposta Svizzera jista' jkollha konsegwenzi negattivi estensivi fir-rigward tal-impatt fuq il-popolazzjonijiet ta' flora u fauna ta' interess Ewropew. Dan idgħajjed drastikament il-Konvenzjoni u jkollu impatt fuq l-isforzi tal-UE dwar il-protezzjoni ta' speċi Ewropej.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u sabiex tkun żgurata l-konsistenza bejn il-Konvenzjoni ta' Berna u l-leġiżlazzjoni tal-UE, u biex l-implimentazzjoni tagħha tibqa' suċċess, l-Unjoni ma għandhiex tappoġġa l-proposta Svizzera fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-32 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' Organiżmi Slavaġ u Habitats Naturali Ewropej (Konvenzjoni ta' Berna)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija Parti tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' Organiżmi Slavaġ u Habitats Naturali Ewropej (Konvenzjoni ta' Berna).
- (2) Il-Konvenzjoni ta' Berna ġiet implimentata fil-livell ta' UE kemm bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi³ kif ukoll bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa⁴.
- (3) Kwalunkwe emenda għall-artikoli tal-Konvenzjoni ta' Berna għandha tkun eżaminata mill-Kumitat Permanenti. Fid-dawl tat-32 laqgħa tal-Kumitat Permanenti li għandha ssir fi Strasburgu bejn is-27 u t-30 ta' Novembru 2012, l-Isvizzera ressqet proposta għall-emendar tal-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta' Berna li tippermetti lil kull Parti Kontraenti li ddaħħal ċerti riżervi dwar l-impenn inizjalment meħud fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Berna, anki wara li tkun iffirmit il-Konvenzjoni ta' Berna jew iddepożitat l-istrument tagħha ta' ratifikazzjoni, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni. Din tkun tippermetti lill-firmatarji kollha tal-Konvenzjoni ta' Berna jagħmlu riżerva waħda jew aktar rigward ċerti speċijiet speċifikati fl-Appendiċijiet I sa III.
- (4) Din il-proposta ma ġietx iġġustifikata b'analiżi jew dejta xjentifika u jista' jkollha konsegwenzi negattivi estensivi fuq il-popolazzjonijiet tal-flora u l-fawna ta' interess Ewropew. Barra minn hekk, mhijiex konsistenti mal-leġislazzjoni tal-Unjoni.
- (5) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Unjoni ma għandhiex tappoġġa l-proposta Svizzera fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fit-32 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' Organiżmi Slavaġ u Habitats Naturali Ewropej

³ ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.

⁴ ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

(Konvenzjoni ta' Berna) għandha tkun li ma tappoġġax il-proposta Svizzera għal emenda tal-Artikolu 22 ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President